MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Numru. 728/2007

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Vince Spalding, iben Louis Pace, imwieled Pieta' fid-9 ta' Ottubru, 1988, Karta ta' l-Identita numru 469288(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fil-25 ta' Ġunju, 2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data, iffalsifika att awtentiku jew pubbliku, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-patijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti, skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk il-fatti jew skritturi kellhom ikollhom fihom;

2. talli fil-25 ta' Ġunju, 2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data, saq vettura ta' l-għamla Honda Civic, bin-numru tar-reġistrazzjoni mhux magħruf, mingħajr ma kien liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Liċenzji, u b'hekk ma kienx assigurat kontra t-terżi persuni ma kumpanija ta' l-assikurazzjoni;
3. talli fil-25 ta' Ġunju, 2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data, saq vettura ta' l-għamla Honda Civic, bin-numru tar-reġistrazzjoni mhux magħruf, mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta taħt dik il-kategorija speċifikata għall-imsemmija vettura ;
4. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi fil-25 ta' Ġunju, 2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data, għamel użu minn vettura fit-triq bi pjanċi tan-numri tar-reġistrazzjoni mhux dawk maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' tad-Dipartiment tal-Liċenzji tat-Trasport ta' Malta;
5. talli naqas milli jagħmel it-trasferiment tal-vettura tal-għamla Honda Civic, bin-numru tar-reġistrazzjoni mhux magħruf, fi żmien seba' tijiem, kif mitlub mill-liġi;
6. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati differenti, liema sentenżi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
7. talli kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-23 ta' Marzu, 2006.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tordna l-konfiska tal-vettura tal-għamla Honda Civic, bin-numru tar-reġistrazzjoni mhux magħruf, skont l-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tiskwalifika lill-imputat milli jikseb il-liċenzja tas-sewqan skont l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Ġunju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tas-sitta u tas-seba’ akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra. Rat l-artikoli 183 u 23 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Tordna s-sospensjoni ta’ kwalunkwe liċenzja tas-sewqan ta’ l-imputat għal perjodu ta’ sena mil-lum. Minbarra dan, tordna l-konfiska tal-vettura tal-għamla Honda Civic eżebita fl-atti ta’ din il-kawża favur il-Gvern ta’ Malta. Fiċ-ċirkostanżi ta’ dan il-każ mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti u l-anqas mhemmx ħtieġja għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------